MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1549/2003

**Carmelo sive Charles u Dorianne konjugi Sammut f'isimhom proprju u ghan-nom tad-ditta Charlie Auto Dealer**

**Vs**

**Doreen u Mark konjugi Rizzo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Awissu, 2003, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-atturi proprio et.nomine s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' karozza Mini-Minor, numru ta' registrazzjoni BAC-359 mibjugha mill-atturi lill-konvenuti kif sopportati b'kambjalijiet hawn annessi u mmarkati bhala Dokument A sa H.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2003 u ta'l-ittra legali tat-13 ta' Lulju 1999 u bl-imghax

legali mill-21 ta' Mejju 2003 kontra l-konvenuti, ingunti in subizzjoni.

Wara li ra l-ammissjoni tat-talba attrici maghmula mill-konvenut Mark Rizzo fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta'l-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi s-somma ta' erba' mija u sittin lira Maltin (Lm460), bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Mejju 2003.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 2003 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------